

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Budapesti II. és III. Kerületi Bíróság (l-Ungerija) fit-8 ta' Jannar 2018 – István Bán vs KP 2000 Kft., Edit Kovács

(Kawża C-24/18)

(2018/C 221/02)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Budapesti II. és III. Kerületi Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: István Bán

Konvenuti: KP 2000 Kft., Edit Kovács

Domanda preliminari

Leġiżlazzjoni nazzjonali li ttemm *ex lege* – mingħajr ebda kumpens ekonomiku – id-drittijiet ta' użu mogħtija fuq artijiet użati għal finijiet agrikoli jew forestali, meta l-proprjetarju l-ġdid jikseb, fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni forzata, il-proprjetà immobbli suġġetta għad-dritt ta' użu u l-utent tal-art ma jkunx kiseb, fir-rigward tal-istess art, għajnuna għall-iżvilupp agrikolu u rurali ffinanzjata mill-Unjoni Ewropea jew mill-Ungerija u suġġetta għall-obbligu li l-art tintuża għal perijodu ta' żmien stabbilit permezz ta' liġi, toħloq restrizzjoni li tmur kontra l-Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Közigazgatási és Munkügyi Bíróság (l-Ungerija) fis-6 ta' Frar 2018 – Vodafone Magyarország Mobil Távközlési Zrt. vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

(Kawża C-75/18)

(2018/C 221/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Közigazgatási és Munkügyi Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Vodafone Magyarország Mobil Távközlési Zrt.

Konvenuta: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 49, 54, 107 u 108 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu miżura nazzjonali li fil-kuntest tagħha l-leġiżlazzjoni nazzjonali (il-Liġi dwar l-Issuġġettar għat-Taxxa Speċjali fuq it-Telekomunikazzjonijiet) għandha bħala effett li l-piż fiskali effettiv jaqa' fuq persuni taxxabbli miżmuma minn kapital barrani u dan l-effett huwa direttament diskriminatorju?
- 2) L-Artikoli 107 u 108 TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi obbligu ta' ħlas ta' taxxa b'rata progressiva imposta fuq id-dħul mill-bejgħ, u dan l-obbligu huwa indirettament diskriminatorju, meta jkollu bħala effett li l-piż fiskali effettiv, għall-ogħla kategoriji fiskali, jaqa' fuq persuni taxxabbli miżmuma minn kapital barrani, u din il-miżura għandha tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat ipprojbita?
- 3) L-Artikolu 401 tad-Direttiva tal-VAT ⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lok għal distinzjoni bejn persuni taxxabbli barranin u persuni taxxabbli nazzjonali, u t-taxxa speċjali għandha tiġi kklassifikata bħala taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, jiġifieri għandha tiġi kklassifikata bħala taxxa kompatibbli mad-Direttiva VAT, jew hija inkompatibbli mal-imsemmija direttiva?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Szekszárdi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fis-16 ta' Frar 2018 – Dalmandi Mezőgazdasági Zrt. vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

(Kawża C-126/18)

(2018/C 221/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Szekszárdi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Dalmandi Mezőgazdasági Zrt.

Konvenuta: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ⁽¹⁾ (iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT") (b'mod partikolari, l-Artikolu 183 tagħha), u l-prinċipji ta' effettività, ta' effett dirett u ta' ekwivalenza jipprekludu prassi ġudizzjarja interna ta' Stat Membru li skontha l-punt tat-tluq, fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-qasam tal-interessi moratorji, hija l-premessa li l-awtorità fiskali nazzjonali ma wettqet ebda ksur (omissjoni), jiġifieri li ma kienet responsabbli għal ebda dewmien fil-ħlas inkonnessjoni mal-parti mhux rekuperabbli tal-VAT fuq l-akkwisti mhux imħallsa tal-persuni taxxabbli, peress li, fil-mument li fih l-imsemmija awtorità tat id-deċiżjoni tagħha, il-liġi nazzjonali li kienet tikser id-dritt Komunitarju kienet fis-seħħ u li kien biss iktar tard li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat l-inkompatibbiltà tar-rekwiżit inkluż fiha mad-dritt Komunitarju? B'dan il-mod, il-prassi nazzjonali aċċettat bħala kważi-konformi mad-dritt l-applikazzjoni ta' tali rekwiżit stabbilit fil-liġi nazzjonali li kienet tikser id-dritt tal-Unjoni sa ma din ġiet formalment imħassra mil-leġiżlatur nazzjonali.